MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2009

Rikors Numru. 1039/2008

**Korporazzjoni Telemalta.**

**vs**

**John Bezzina.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socejta Kummercjali GO p.l.c. (C22334) datat 14 ta' Ottubru 2008 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru 188/96 GC) giet deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 1996, fl-istess kawza l-konvenut kien gie ikkundannat ihallas lis-Socjeta` Rikorrenti s-somma ta' seba' mija, sitta u ghoxrin Liri Maltin u sbatax-il centizmi valuta antika (Lm726.17) u

ekwivalenti ghal elf, sitt mija, wiehed u disghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1,691.52), in konnessjoni mas-servizz telfoniku numru 374292.

Illi is-Socjeta` GO p.l.c., gja Maltacom p.l.c. illum issucceediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-isetss Socjeta rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn,u b’ hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre tliet mija, hdax-il ewrl u erbgha u hamsin centezmu (€311. 54) spejjez u drittijiet professjonali skont l-annessa taxxa mmarkata Dokumnent “A”. Kif ukoll elf, hames mija, tmienja u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,578.26), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-12 ta’ Dicembru 1996 sat 8 ta’ Awwissu 2008, u ghalhekk l-amont dovut lill-esponenti huwa ta’ tliet elef, hames mija wiehed u tmenin ewro u tnejn u tletin centezmi (€3,581.32), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data taqs-sentenza gahddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta` esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-madati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proveduri civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sbviex tesegwixxxi s-sentenza fl-ismijiet fuq inidkati

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 2009, il-Qorti rat li l-intimat notifikat ma pprezenta ebda risposta u lanqas deher ghar-rikors.

Rat li Dr.Keith Grech ghas-socjeta’ rikorrenti kkonferma solennement il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti, Korporazzjoni Telemalta, tirrizulta gustifikata u ghalhekk **tilqa’ t-talba** tas-socjeta’ rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------